MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Mandat Numru. 710/2012/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 710/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Peter sive` Pierre Pace ID : 548464(M)**

***kontra***

**Kummissarju ta` l-Artijiet**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrent fit-22 ta` Mejju 2012 fejn talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jnehhi t-trampolin li jinsab f`Promenade f`San Pawl il-Bahar li r-rikorrenti ilu jopera bhala l-mezz ta` l-ghejxien tieghu fis-sit in kwistjoni sa mill-1988.*

Fir-rikors saret riferenza ghal *permess tal-MEPA mahrug fuq terzi* (Dok PP1) u ghal avviz datat 14 ta` Mejju 2012 li hareg l-intimat (Dok PP2) kontra r-rikorrent.

Inoltre fl-istess rikors, saret talba biex il-mandat jintlaqa` provvizorjament.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Mejju 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat.

Rat li l-intimat kien debitament notifikat fit-23 ta` Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-intimat li kienet prezentata fil-25 ta` Mejju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Gunju 2012.

Semghet lill-Avukat Dottor Josianne Azzopardi bhala rapprezentant tal-intimat tiddikjara, ghall-fini tal-**Art.873(3) tal-Kap.12** illi kieku ma kienx ghar-rikors tal-lum li kien milqugh provvizorjament, l-intimat kien jipprocedi bit-tnehhija tat-trampolin in kwistjoni.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat l-atti tar-rikors.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Ir-rikorrent xehed illi huwa ghandu trampolin imqieghed fuq sit go Islet Promenade, San Pawl il-Bahar. Mal-awtoritajiet kompetenti, kollox kien registrat fuq Filadelfo Inserra. Huwa ighid illi ghalkemm kien bi shab ma` dan Inserra, kollox kien registrat f`isem Inserra sabiex jigi agevolat il-hrug tal-permessi. In segwitu, Inserra rtira minn dan in-negozju u ghadda kollox lir-rikorrent illi baqa` jiggestixxi wahdu. Meta talab gharfien legali minghand l-intimat, dan irrifjuta ghalkemm kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet. Ir-rikorrent sostna illi l-intimat ried iwarrab lilu biex jaghti s-sit lil haddiehor. Skond ir-rikorrent, dak kien l-uniku mezz ta` ghejxien tieghu..

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Il-generalita` tal-kazi huma regolati bl-**<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Il-Qorti **<u>m`ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Fejn pero` it-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, (<u>bhal ma huwa l-kaz tal-lum</u>), iridu jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**<u>Art.873(3) tal-Kap.12</u>** [mhux tal-Art.873(2)].

Ghalhekk talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b`kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha ma tistax tintlaqa` jekk ir-rikorrent ma jgibx il-prova ta` jedd *prima facie*, jekk ma jkunx hemm il-konferma tal-persuna li kontra taghha jkun qieghed jintalab il-hrug tal-Mandat bil-miftuh fil-qorti *li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir,* kif ukoll li *l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Huwa ghalhekk ben evidenti li r-rekwiziti sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat huma stretti u l-qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk ir-rekwiziti **<u>kollha</u>** ma jkunux sodisfatti.

**Ikkunsidrat :**

## III. **Risultanzi**

Wara li semghet lir-rapprezentanti tal-intimat tiddikjara fil-miftuh quddiemha illi kieku ma kienx ghall-fatt illi t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat kienet milqugha provvizorjament, l-intimat kien sejjer jipprocedi bit-tnehhija tat-trampolin in kwistjoni, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta` jekk ir-rikorrent ghandux jedd *prima facie* biex iressaq it-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat.

Il-fatt illi r-rikorrent ilu fis-sit in kwistjoni sa mill-1988 ma jaghtih l-ebda jedd ta` permanenza kif bhal donnu qieghed jippretendi r-rikorrent. Ir-rikorrent jaccetta illi m`ghandu l-ebda gharfien ta` xi xorta min-naha tal-intimat. Anzi jafferma illi l-intimat irrifjuta illi jaghtih rikonoxximent. Bhal donnu jallega illi Filadelfo Inserra kellu xi dritt vis-a-vis l-intimat. Pero` ma kien prezentat l-ebda dokument bhala prova ta` dan l-allegat dritt jew addirittura ta` titolu. Id-dokumenti relatati mal-applikazzjoni ghal permessi mill-MEPA ma jistghux jitqiesu bhala lanqas *prima facie.* Jekk, semplicement ghall-grazzja tal-argument u xejn aktar, Inserra kellu xi forma ta` dritt jew titolu vis-a-vis l-intimat, ma jirrizultax illi sar xi trasferiment kif trid il-ligi a favur tar-rikorrent bil-kunsens jew bl-accettazzjoni tal-intimat. Lanqas ma tirrizulta l-prova ta` xi ftehmu r-rikorrent u Inserra. Inoltre ftehmu xi ftehmu bejniethom dak il-patt kien *res inter alios acta* u ma kien bl-ebda mod jorbot lill-intimat jew johloq xi relazzjoni guridika mal-intimat. Iddur fejn iddur ma tirrizulta l-ebda prova li ssostni l-pretensjoni tar-rikorrent - lanqas *prima facie*.

**Accertat** in-nuqqas ta` dan ir-rekwizit, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tqis l-isproporzjon tal-pregudizzju, stante li sabiex tohrog il-Mandat, il-Qorti hija obbligata taccerta ruhha li r-rekwiziti **kollha** jissussistu u ghalhekk fil-mankanza anke ta` rekwizit wiehed, il-Qorti ***m`ghandhiex*** tohrog il-Mandat.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti –**

**Fl-ewwel lok, qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-22 ta` Mejju 2012 fejn kienet laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrent.**

**Fit-tieni lok, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------